

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġits

2008/0020(CNS)

9.4.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward tat-trasferiment ta' għajjnuna tat-tabakk lill-Fond tal-Komunità għat-Tabakk għas-snin 2008 u 2009 u r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward ta' finanzjament tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk
(COM(2008)0051 – C6-0062/2008 – 2008/0020(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Wiesław Stefan Kuc

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Sfond

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 37(2), subparagrafu 3 tat-Trattat (Agrikultura - proċedura ta' konsultazzjoni) u ġiet imressqa mid-DĠ AGRI tal-Kummissjoni, għalkemm tirrigwarda l-linji tal-baġit fit-Titolu 05 u fit-titolu 17 (is-Saħħa Pubblika): 05 03 02 22 - għajjnuna tat-tabakk - EUR 293 miljun (AL 2008) u 17 03 02 - Fond tal-Komunità għat-Tabakk - EUR 14,25 miljun. (Baġit 2008).

Il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-finanzjament tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk għas-sentejn ta' ħsad li ġejjin (2008 u 2009, snin ta' baġit 2009 u 2010), sabiex jiġi alinjat ma' l-Artikolu 110j tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003¹, li jagħti għajjnuna lill-produtturi tat-tabakk mhux irfinat sas-sena ta' ħsad 2009. Mir-riforma ta' l-Organizzazzjoni tas-Suq Komuni għat-tabakk fl-2004, il-Fond iffinanzja politiki ta' informazzjoni biex titjeb il-kuxjenza pubblika dwar l-effetti tal-konsum tat-tabakk. Fil-perjodu attwali ta' finanzjament, il-Fond ta appoġġ lill-kampanja "HELP - għal ħajja mingħajr tabakk"², li jkopri l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni meħuda mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Protezzjoni tal-Konsumatur (DĠ SANCO).

Ġie propost lill-Kunsill li dan jista' jiġi estiż għas-snin kalendarji 2008 u 2009. Il-Fond jieħu 5% tal-baġit totali tas-sussidji għat-tabakk fl-2008 u 2009 b'limitu massimu attwali għall-għajjnuna għat-tabakk ta' EUR 337.937 miljun. L-ammont ta' 5% annwali massimu qed jiġi trasferit lill-Fond (EUR 16.897 miljun).

Il-Kummissjoni tqis li huwa utli li l-Fond jibqa' jintuża biex jiġu finanzjati azzjonijiet ta' informazzjoni dwar l-effetti ta' ħsara tat-tipjip.

L-Artikolu 104(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007³ tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) jipprovdi għall-finanzjament tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk permezz tat-trasferimenti ta' ċerti ammonti ta' għajjnuna għat-tabakk għas-snin kalendarji 2006 u 2007 skond l-Artikolu 110m tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Il-Fond tal-Komunità għat-Tabakk kien dejjem iffinanzjat minn trasferiment ta' parti mill-għajnuniet għat-tabakk. Finalment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 864/2004 estenda l-għajjnuna għat-tabakk sa l-2008 u l-2009 mingħajr ma estenda rispettivament il-finanzjamant tal-Fond tal-Komunità għat-Tabakk bi tnaqqis ta' l-għajjnuna għat-tabakk.

2. Il-proġetti finanzjati mill-Fond

L-objettivi ta' saħħa pubblika tal-Fond

- Titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-effetti ta' ħsara tal-konsum tat-tabakk, inkluż it-tipjip passiv.

¹ ĠUL 270, 21.10.2003, p. 1 Verżjoni konsolidata: <http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:32003R1782:DE:NOT>

² ara www.help-eu.com

³ ĠUL 229, 16.11.2007, p. 1.

- It-tiġib tal-pertinenza u l-effikaċità tal-messaġġi u l-metodi ta' komunikazzjoni permezz tal-lingwaġġ jew l-immaġini rigward l-effetti ħżiena tal-konsum tat-tabakk.
- Il-prevenzjoni u l-waqfien mit-tipjip.
- It-tixrid tar-riżultati lill-awtoritajiet nazzjonali u s-setturi rilevanti.

3. Implikazzjonijiet finanzjarji

Il-limitu massimu attwali għat-tabakk qiegħed EUR 337.937 miljun, jiġifieri li l-ammont massimu annwali li jista' jiġi trasferit fil-Fond huwa EUR 16.897 miljun.

Titwil possibbli tal-Fond ma jinvolvi infiq Komunitarju iżjed. Jestendi l-possibbiltà prevista fl-Artikolu 110m tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għat-trasferiment fl-2008 u l-2009 (snin tal-baġit 2009 u 2010) 5% ta' l-ammont ta' l-għajjnuna għat-tabakk taħt "Għajjnuniet Diretti" lill-"Fond tal-Komunità għat-Tabakk". Il-limiti massimi fuq għajjnuna għat-tabakk jibqgħu l-istess u l-ammont annwali massimu li jista' jiġi trasferit jammonta għal EUR 16,897 miljun (EUR 337,937 miljun x 5% = EUR 16,897 miljun). Dan l-ammont mil-linja 05 03 02 22 se jkun disponibbli minflok taħt il-linja tal-baġit 17 03 02 – Fond tal-Komunita □ għat-Tabakk. Peress li dan huwa trasferiment bejn titoli, din il-miżura ma tinkludix approprijazzjonijiet tal-baġit addizzjonali.

4. Emendi

Huwa ċar li din il-proposta hija suġġetta wkoll għar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali prevista fid-Dikjarazzjoni 3 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ("reviżjoni sħiħ fuq medda wiesgħa li tkopri l-aspetti kollha ta' l-infiq ta' l-UE, inkluża l-CAP").

Il-Kumitat għall-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emenda li ġejja fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1 a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

1a. Jikkunsidra li kull ammont previst għandu jkun kompatibbli mal-limitu ta' l-Intestatura 2 tal-qafas finanzjarju plurijennali (MFF) 2007-2013 kif revedut mid-Deċiżjoni 2008/29/KE tat-18 ta' Diċembru 2007, u juri li l-ammont annwali għandu jiġi deċiż fi ħdan il-proċedura annwali tal-baġit u għandu jiġi

evalwat f'kuntest multi-annwali.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tfakkar li l-proposta, bħala parti mill-CAP, mhux biss hija suġġetta għar-reviżjoni ta' nofs il-perjodu tal-Qafas Finanzjarju Plurijennali prevista fid-Dikjarazzjoni 3 ta' l-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ("reviżjoni sħiħa fuq medda wiesgħa li tkopri l-aspetti kollha ta' l-infiq ta' l-UE, inkluża l-CAP"), iżda suġġetta wkoll għal skrutinju fi ħdan il-Proċedura Annwali tal-Baġit..

PROĊEDURA

Titolu	Fond tal-Komunità għat-Tabakk	
Referenzi	COM(2008)0051 – C6-0062/2008 – 2008/0020(CNS)	
Kumitat responsabbli	AGRI	
Opinjoni mressqa minn Data mħabbra fis-sessjoni plenarja	BUDG 21.2.2008	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Wiesław Stefan Kuc 20.2.2008	
Diskussjoni fil-kumitat	1.4.2008	8.4.2008
Data ta' l-adozzjoni	8.4.2008	
Riżultat ta' l-aħħar votazzjoni	+: 27	–: 0
	0: 0	
Membri preżenti għall-aħħar votazzjoni	Laima Liucija Andrikiene, Richard James Ashworth, Reimer Böge, Paulo Casaca, Brigitte Douay, Szabolcs Fazakas, Salvador Garriga Polledo, Ingeborg Gräßle, Louis Grech, Catherine Guy-Quint, Jutta Haug, Anne E. Jensen, Wiesław Stefan Kuc, Janusz Lewandowski, Vladimir Maňka, Cătălin-Ioan Nechifor, Margaritis Schinas, Esko Seppänen, Nina Škottová, Theodor Dumitru Stolojan, László Surján, Helga Trüpel, Kyösti Virrankoski, Ralf Walter	
Sostitut(i) preżent(i) għall-aħħar votazzjoni	Thijs Berman, Richard Corbett, Libor Rouček	